Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 281/2015

Il-Pulizja

Vs

Carmel Stafrace

Illum 17 ta' Marzu, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Carmel Stafrace detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 527965M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Meta b'diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, bejn ix-xhur ta' Novembru, 2014 sa Dicembru, 2014, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jghati lil Natalina Stafrace u/jew lill-uliedu s-somma ffisata minn dik il-Qorti jew stipulat bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas disk is-somma.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-20 ta' Mejju, 2015, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(z), 18 tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u kkundannatu xahar prigunerija. Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Carmel Stafrace, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-27 ta' Mejju, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma r-reita u thassarha u tirrevokha billi tapplika piena anqas harxa.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Carmel Stafrace huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-appell jitratta l-piena stante li kienet registrata ammissjoni. Illi jinghad li bhala piena il-kundanni ta' detenzjoni f'dan il-kaz qghdin ixekklu lill-esponenti milli jibda jahdem biex ikun jista' jibda jhallas dak dovut. Filwaqt li l-esponenti jifhem li min ma jhallasx manteniment b'mod ripetutu jispicca biex eventwalment jigi kkundannat detenzjoni, jidher li l-Ewwel Qorti bid-dovut rispett qed taghmel l-istess 'zball' li qed taghmel mart l-appellanti f'dan il-kasz u cioe':-

Minn gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, xahar wara xahar l-esponenti zgur mhux ser jibda jahdem.

Illi b'rispett wiehed ghandu jirrealizza li l-fluz jigu bix-xoghol, u ghalhekk il-kundanni tal-habs f'dan il-kaz qed ikunu kontro-produttivi ghas-sitwazzjoni ghaliex huwa ottuz li b'nifs wiehed nheggu lill-appellanti jghin ruhu biex jibda jhallas u fl-istess nifs ngahmlu lilu minn kollox biex tigi ristretta lilu l-liberta' u ma jkunx jista' jahdem. Illi l-esponenti mhux qed jonqos milli jhares l-ordni lilu moghtija b'pika, kif gieli jigri f'kazijiet hekk, u ghalhekk jekk il-Qorti tapplika sanzjoni mhux ta' detenzjoni maz-zmien il-problema, tal-konjugi Stafrace titranga.

Ikkunsidrat,

Illi jirrizulta mis-sentenza impunjata illi l-appellanti irregistra ammissjoni quddiem l-Ewwel Qorti ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, ghalkemm dan ma huwiex

rifless fil-verbal tal-25 ta' Mejju 2015, u b'hekk gie ikkundannat ghal perijodu ta' xahar prigunerija.

Illi allura fid-dawl ta'l-accettazzjoni da parti tieghu tal-fatt illi huwa naqas milli jottempera ruhu mal-ordni tal-Qorti sabiex jissomministra l-manteniment lil martu, l-appellanti iressaq l-impunjattiva limitatament ghal dak li jirrigwarda l-piena komminata mill-Ewwel Qorti billi jishaq illi din hija in kwantu eccessiva tenut kont tal-ammissjoni bikrija minnu irregistrata. Inoltre jikkontendi illi huwa kien fl-impossibbilita li ihallas l-manteniment dovut minhabba l-fatt illi huwa qed jigi inkarcerat in segwitu ghal kundanni ripetuti marbuta man-nuqqas minn naha tieghu li jissoministra l-manteniment u ghalhekk spicca minghajr impjieg u konsegwentement minghajr introjtu. Illi d-dottrina hija kostanti *in subjecta materia* meta jinghad:

*"... jekk persuna ma tkunx tista' thallas il-manteniment ordnat anke f'kaz li persuna tisfa bla xoghol, dan ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-digriet tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta' natura kontavenzjonali illi tahtu hu akkuzat l-appellant. Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament fi zmien utli lill-Qorti Civili kompetenti biex din wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. U biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun jista' jhallas anqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa' marbut bl-obbligu tal-hlas skont l-ewwel digriet."*
(Il-Pulizija versus Anthony Saliba deciza fil-15 ta' Lulju 1998; ara ukoll Pulizija versus Alfred Camilleri, 18 ta' Settembru 2002, u Il-Pulizija versus Lawrence Mifsud, 15 ta' Ottubru 2009).

Ghalhekk il-principju *nemo tenitur ad impossibilia* ma japplikax ghal dan il-kaz peress li l-appellanti dejjem kien f'pozizzjoni illi jadixxi lill-Qorti Civili sabiex jottjeni varjazzjoni jew inkella *addirittura* kancellament tal-obbligu tieghu versu l-parti civili u wliedu. Illi ukoll din il-Qorti ma tistax ma tikkumentax dwar il-fatt illi l-agir ta'l-appellanti huwa wiehed volutament ripetut ta' inosservanza regolari u kontinwa ta' ordni ta' Qorti sabiex ihallas manteniment lil martu biex b'hekk bl-iskuza li huwa jinsab inkarcerat, jahrab mill-obbligi tieghu. Illi addirittura dina l-Qorti tazzarda tghid illi l-appellanti qieghed intenzjonalment jikser dina l-ordni sabiex b'hekk

b'mod ghal kollox kappriccuz jevita milli jissomministra l-manteniment minnu dovut. Sfortunatament f'dan il-kaz l-inkarcerazzjoni, li milli jidher ma hux qed iservi ta'l-ebda deterrent fil-kaz ta'l-appellanti, mhuwiex qed ikollu l-effett mixtieq. Harsa lejn il-fedina penali ta'l-appellanti tindika illi hemm mhux inqas minn ghoxrin kundanna *in materia* li jirrisalu ghas-sena 2003. Ghaldaqstant ma jidher illi hemm l-ebda mottiv legali jew fattwali li tista' twassal lil din il-Qorti sabiex tvarja il-piena erogata mill-Ewwel Qorti li gustament dehrilha illi l-infrazzjonijiet kontinwi ta'l-appellanti ma haqqhomx trattament xort'ohra.

Illi gie deciz: *"L-iskop tal-legislatur, meta introduca din il-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali fl-1983, kien li ssir pressjoni fuq id-debituri rikalcitranti sabiex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timpunixxi l-ksur tal-ordnijiet, digrieti, jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet illi ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament, jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet kontrattwali bejn il-konjugi."*[1] F'dan il-kaz dan l-ghan mhux qed jintlahaq u ghalhekk ma hemm l-ebda lok ghal temperament fil-piena .

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

[1] Il-Pulizija va Publius Said – 25/09/2003 App.Inf